

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, ...
C

Abbozz

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru .../...

tal-...]

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru xxxx/2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-Operazzjonijiet tal-Ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Abbozz

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru .../...

tal-[...]

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru xxxx/2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-Operazzjonijiet tal-Ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE¹, u b'mod partikolari l-Artikoli 8(5) u 10(5) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 għandu l-għan li jistabbilixxi u jżomm livell uniformi għoli ta' sigurtà fl-avjazzjoni ċivili madwar l-Ewropa. Dak ir-Regolament jipprovdi l-mezzi għall-kisba ta' dak l-għan u ta' għanijiet oħra fil-qasam tas-sigurtà fl-avjazzjoni ċivili.
- (2) Bis-sostituzzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002 mir-Regolament (KE) Nru 216/2008, l-Artikolu 5 li jittratta l-ajrunavigabbiltà ġie estiż biex jinkludi l-elementi tal-ewalwazzjoni tal-adeqwatezza operattiva fir-regoli ta' implimentazzjoni għal ċertifikat tat-tip.
- (3) L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni (minn hawn 'il quddiem l-'Aġenzija') ħasset il-ħtieġa li tipproponi emendi għar-Regolament (KE) Nru 1702/2003 sabiex tippermetti lill-Aġenzija tapprova d-dejta tal-adeqwatezza operattiva bħala parti mill-proċess taċ-ċertifikazzjoni tat-tip.
- (4) Id-dejta tal-adeqwatezza operattiva sejra tinkludi elementi mandatorji għal-Lista Definitiva ta' Tagħmir Minimu (MMEL), it-taħriġ tal-Ekwipaġġ tat-Titjira u t-taħriġ tal-Ekwipaġġ tal-Kabina li għandhom ikunu l-bażi għall-iżvilupp tal-Lista ta' Tagħmir Minimu (MEL) u tal-korsijiet ta' taħriġ tal-ekwipaġġ mill-operatur.
- (5) Ir-rekwiżiti relatati mal-istabbiliment tal-MEL, it-taħriġ tal-ekwipaġġ tat-titjira u t-taħriġ tal-ekwipaġġ tal-kabina jirreferu għad-dejta tal-adeqwatezza operattiva, iżda dispożizzjoni ġenerali għall-każijiet fejn id-dejta tal-adeqwatezza operattiva mhux disponibbli kif ukoll l-miżuri ta' tranżizzjoni meħtieġa għandhom jiġu miżjudi.
- (6) Huwa neċessarju li jingħata biżżejjed żmien għall-industrija ajrunawtika u l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri sabiex jadottaw għall-qafas regolatorju l-ġdid u biex

¹ ĠU L 79, 19.03.2008, p.1.

taħt ċerti kundizzjonijiet jgħarfu l-validità ta' ċertifikati maħruġa qabel ma jibda japplika dan ir-Regolament.

- (7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma bbażati fuq l-Opinjoni maħruġa mill-Aġenzija² f'konformità mal-Artikoli 17(2)(b) u 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.
- (8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-Opinjoni³ tal-Kumitat tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni stabbilit mill-Artikolu 65(3) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.
- (9) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru xxxx/2012⁴ għandu jiġi emendat kif xieraq.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru xxxx/2012 qed jiġi emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 8 qed jinbidel b'dan li ġej:

Artikolu 8

MEL

Il-listi ta' tagħmir minimu (MEL) approvati mill-Istat tal-Operatur jew tar-Reġistru qabel ma jibda japplika dan ir-Regolament, kif ikun applikabbli, huma meqjusa bħala approvati skont dan ir-Regolament u jistgħu jibqgħu jintużaw mill-operatur li jkun irċieva l-approvazzjoni. Wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, kull bidla f'din l-MEL li għaliha hija stabbilita MMEL bħala parti mid-dejta tal-adeqwatezza operattiva skont ir-Regolament (KE) Nru 1702/2003 għandha ssir f'konformità mal-ORO.MLR.105 mill-aktar fis iżda mhux aktar tard minn erba' snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jew fi żmien sentejn wara li tkun ġiet approvata d-dejta tal-adeqwatezza operattiva, tkun liema tkun l-aħħar. Kull bidla f'din l-MEL, li għaliha ma tkunx stabbilita MMEL bħala parti mid-dejta tal-adeqwatezza operattiva, għandha tibqa' tkun ibbażata fuq l-MMEL rilevanti li tkun ġiet approvata mill-Istat tal-Operatur jew tar-Reġistru kif ikun applikabbli.

2. L-Artikolu 8bis li ġej huwa miżjud:

Artikolu 8bis

Taħriġ tal-ekwipaġġ tat-titjira u tal-kabina

Il-membri tal-ekwipaġġ tal-kabina u tal-ekwipaġġ tat-titjira li diġà qegħdin joperaw u li lestew it-taħriġ skont l-ORO.FC u l-ORO.CC li ma inkludix l-elementi mandatorji stabbiliti fid-dejta tal-adeqwatezza operattiva rilevanti għandhom jieħdu taħriġ li jkopri kull element mandatorju bħal dan. Dan it-taħriġ għandu jittieħed sa mhux aktar tard minn erba' snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jew sentejn wara li tkun ġiet approvata d-dejta tal-adeqwatezza operattiva, tkun liema tkun l-aħħar.

3. L-Annessi III u IV għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) xxxx/2012 qed jiġi emendat kif stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament.

² Opinjoni 07/2011.

³ (Għandha tinħareġ).

⁴ Ir-Regolament tal-Kummissjoni li jmiss li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-Operazzjonijiet tal-Ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li bħalissa qiegħed fil-proċess li jiġi adottat.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, XXXX.

Għall-Kummissjoni

[...]

Il-President

ANNEX

1. L-Anness III (il-Parti-ORO) għar-Regolament (UE) xxxx/2012 qed jiġi emendat kif ġej:
 - a. Fil-punt ORO.GEN.160, il-punt (b) qed jinbidel b'dan li ġej:

‘(b) Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu (a), l-operatur għandu jirrapporta lill-awtorità kompetenti u lill-organizzazzjoni responsabbli għad-disinn tal-inġenju tal-ajru, kull inċident, malfunzjoni, difett tekniku, qbiż tal-limitazzjonijiet tekniċi, okkorrenza li tenfasizza informazzjoni mhux eżatta, mhux kompluta jew ambigwa li tinsab fil-parti mandatorja tad-dejta tal-adeqwatezza operattiva stabbilita f'konformità mar-Regolament 1702/2003 jew xi ċirkostanza irregolari oħra li pperikolat jew li setgħet ipperikolat l-operazzjoni sigura tal-inġenju tal-ajru u li ma rriżultatx f'aċċident jew f'inċident serju.’
 - b. Fil-punt ORO.MLR.105, il-punt (a) qed jinbidel b'dan li ġej:

‘(a) Għandha tiġi stabbilita lista ta' tagħmir minimu (MEL) kif speċifikat skont it-8.a.3 tal-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 216/2008, ibbażata fuq il-lista definittiva ta' tagħmir minimu (MMEL) kif definit fil-parti mandatorja tad-dejta tal-adeqwatezza operattiva stabbilita skont ir-Regolament (KE) Nru 1702/2003. Jekk MMEL ma tkunx ġiet stabbilita bħala parti mid-dejta tal-adeqwatezza operattiva, l-MEL tista' tiġi bbażata fuq l-MMEL rilevanti aċċettata mill-Istat tal-Operatur jew tar-Reġistru kif ikun applikabbli.’
 - c. Fil-punt ORO.MLR.105(j), il-punt (1) qed jinbidel b'dan li ġej:

‘(1) l-istrumenti, l-oġġetti ta' tagħmir jew il-funzjonijiet ikkonċernati huma fi hdn il-kamp ta' applikazzjoni tal-MMEL kif definit fil-parti mandatorja tad-dejta tal-adeqwatezza operattiva skont ir-Regolament (KE) Nru 1702/2003;’
 - d. Fil-punt ORO.FC.140, il-punt (a) qed jinbidel b'dan li ġej:

‘(a) Il-membri tal-ekwipaġġ tat-titjira li joperaw aktar minn tip jew varjant wieħed ta' inġenju tal-ajru għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti preskritti f'din is-Subparti għal kull tip jew varjant, sakemm krediti relatati mat-taħriġ, il-verifikà, u rekwiżiti ta' esperjenza riċenti humiex iddefiniti fil-parti mandatorja tad-dejta tal-adeqwatezza operattiva skont ir-Regolament (KE) Nru 1702/2003 għat-tipi jew il-varjanti rilevanti.’
 - e. Fil-punt ORO.FC.145, il-punt (b) qed jinbidel b'dan li ġej:

‘(b) Meta jistabbilixxi l-programmi u s-sillabi ta' taħriġ, l-operatur għandu jinkludi l-elementi mandatorji għat-tip rilevanti kif iddefinit fil-parti mandatorja tad-dejta tal-adeqwatezza operattiva stabbilita skont ir-Regolament (KE) Nru 1702/2003.’
 - f. Fil-punt ORO.FC.220(e), il-punti (2) u (3) huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

‘(2) jitle' u jinżel sitt darbiet f'FSTD sa mhux aktar tard minn 21 ġurnata wara t-tlestija tat-test tal-aptitudni taħt is-superviżjoni ta' struttur għal ajruplani (TRI(A)) li jkun qiegħed jokkupa s-sedil l-ieħor tal-bdot. In-numru ta' tluġh u nżul jista' jitnaqqas meta l-krediti huma ddefiniti fil-parti mandatorja tad-dejta tal-adeqwatezza operattiva stabbilita skont ir-Regolament (KE) 1702/2003. Jekk dawn it-tluġh u nżul ma jkunux twettqu fi żmien 21 ġurnata, l-operatur għandu jipprovi taħriġ ta' aġġornament. Il-kontenut ta' dan it-taħriġ għandu jiġi deskritt fil-manwal tat-tħaddim.

- (3) iwettaq l-ewwel erba' tluġh u nżul tal-LIFUS fl-ajruplan taħt is-superviżjoni ta' TRI(A) li jkun qiegħed jokupa s-sedil l-ieħor tal-bdot. In-numru ta' tluġh u nżul jista' jitnaqqas meta l-krediti huma ddefiniti fil-parti mandatorja tad-dejta tal-adeqwatezza operattiva stabbilita skont ir-Regolament (KE) 1702/2003.'
- g. Fil-punt ORO.CC.125, il-punt (b) qed jinbidel b'dan li ġej:
- '(b) Meta jistabbilixxi l-programmi u s-sillabi tat-taħriġ ta' konverżjoni tal-operatur u tat-taħriġ speċifiku għal tip ta' inġenju tal-ajru, l-operatur għandu jinkludi, fejn ikunu disponibbli, l-elementi mandatorji għat-tip rilevanti kif definit fil-parti mandatorja tad-dejta tal-adeqwatezza operattiva skont ir-Regolament (KE) Nru 1702/2003.'
- h. Fil-punt ORO.CC.130, il-punt (c) qed jinbidel b'dan li ġej:
- '(c) Meta jistabbilixxi sillabu u programm ta' taħriġ tad-differenzi għal varjant ta' tip ta' inġenju tal-ajru li qiegħed jintuża attwalment, l-operatur għandu jinkludi, fejn ikun disponibbli, l-elementi mandatorji għat-tip ta' inġenju tal-ajru rilevanti u għall-varjanti tiegħu kif definit fid-dejta tal-adeqwatezza operattiva stabbilita skont ir-Regolament (KE) Nru 1702/2003.'
- i. Fil-punt ORO.CC.250(b), il-punt (1) qed jinbidel b'dan li ġej:
- '(1) kull inġenju tal-ajru bħala tip jew varjant b'kunsiderazzjoni, fejn tkun disponibbli, tal-parti mandatorja rilevanti tad-dejta tal-adeqwatezza operattiva stabbilita skont ir-Regolament (KE) Nru 1702/2003 għat-tip jew il-varjant ta' inġenju tal-ajru rilevanti; u'
2. L-Anness V (il-Parti-SPA) għar-Regolament (UE) xxxx/2012 qed jiġi emendat kif ġej:
- a. Fil-punt SPA.GEN.105(b), il-punt (2) qed jinbidel b'dan li ġej:
- '(2) li jiġu kkunsidrati l-elementi rilevanti ddefiniti fil-parti mandatorja tad-dejta tal-adeqwatezza operattiva (OSD) stabbiliti skont ir-Regolament (KE) 1702/2003.'
- b. Il-punt SPA.GEN.120 qed jinbidel b'dan li ġej:
- 'SPA.GEN.120 Validità kontinwa ta' approvazzjoni speċifika**
- Għandhom jinħarġu approvazzjonijiet speċifiċi għal perjodu illimitat u għandhom jibqgħu validi soġġett għall-operatur li jibqa' f'konformità mar-rekwiżiti assoċjati mal-approvazzjoni speċifika u filwaqt li jiġu kkunsidrati l-elementi rilevanti ddefiniti fil-parti mandatorja tad-dejta tal-adeqwatezza operattiva (OSD) stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 1702/2003.'